DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Ġunju 2010

li teżenta lil Banque de France mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3853)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/342/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw [jikklassifikaw] il-kreditu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba mressqa minn Franza,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Novembru 2009, Franza ressqet talba lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar l-eżenzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-Banque de France mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(2) Il-Banque de France huwa rregolat fi Franza mill-"Code monétaire et financier" kif emendat minn Loi N° 2008-776 tal-4 ta' Awwissu 2008 [2]. Article L. 141-6 tal-"Code monétaire et financier" jippermetti lill-Banque de France biex jirċievi l-informazzjoni neċessarja kollha mill-parteċipanti fis-suq biex jiżviluppa l-funzjonijiet essenzjali tiegħu. Il-"Contrat de service public entre l'Etat et la Banque de France" [3] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kuntratt"), imġedded kull tliet snin, isemmi espliċitament il-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu mill-Banque de France bħala waħda mill-attivitajiet li l-Banque de France jrid jiżgura.

(3) Il-Banque de France stabilixxa l-kodiċi tal-kondotta tiegħu stess [4] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi") essenzjalment ibbażat fuq il-Prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta (Code of Conduct Fundamentals) għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu maħruġ mill-Organizzazzjoni Internazzjoni dwar il-Kummissjonijiet tat-Titoli (International Organisation of Securities Commissions, IOSCO).

(4) Skont l-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jeħtieġ li jiġu vvalutati erba' elementi sabiex jiġu eżentati l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-Banque de France mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(5) L-ewwel nett, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma jistgħux jitħallsu mill-entità li tkun qed tiġi kklassifikata. Il-punt 1.3 tal-Kodiċi jipprovdi li l-Banque de France ma jirċievi l-ebda remunerazzjoni mill-entitajiet klassifikati fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-kreditu b'rabta magħhom u li dwarha huma jiġu infurmati. Il-punt 2.2 tal-Kodiċi jispeċifika li l-utenti (l-istituzzjonijiet tal-kreditu klijenti tal-FIBEN – "Fichier Bancaire des Entreprises") tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu huma dawk li jħallsu għas-servizz skont rata ppubblikata.

(6) It-tieni nett, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma jistgħux jiġu ddivulgati lill-pubbliku. Il-punt 1.5 tal-Kodiċi jipprovdi li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma għandhomx jiġu ppubblikati. L-aċċess huwa legalment ristrett għal ċerti kategoriji ta' atturi elenkati fil-Kodiċi u li għandhom jiġu identifikati mill-Banque de France qabel jingħataw aċċess għall-klassifikazzjoni tal-kreditu.

(7) It-tielet nett, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jrid jinħarġu skont il-prinċipji, standards u proċeduri li jiżguraw l-integrità u l-indipendenza adegwati tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu kif previst mir-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Id-dispożizzjonijiet tal-"Code monétaire et financier", partikolarment l-Artikoli L.142-9, u L.164-2 jiżguraw li l-analisti u l-aġenti li jaħdmu fil-Banque de France jkunu marbuta bil-prinċipju tas-segretezza professjonali u bir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess inklużi fir-regoli tal-etika professjonali u fil-kodiċi tal-etika finanzjarja tal-Banque de France approvat mill-Ministeru ta' "l'Economie, des Finances et de l'Industrie". Barra minn hekk, ir-regolamenti dwar il-persunal tal-Banque de France fihom dispożizzjonijiet immirati espliċitament biex jipprevjenu lill-aġenti milli jkunu jew milli jibqgħu f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess. Il-Banque de France huwa soġġett għal mekkaniżmi ta' kontroll intern imwettaq minn Uffiċjal Indipendenti dwar l-Etika u l-persunal tiegħu inkarigati mill-verifika tal-applikazzjoni tal-kodiċi tal-etika jew permezz tal-istruttura kollegjali li hija totalment inkorporata fl-organizzazzjoni tal-maniġment tal-Banque de France, li jikkostitwixxi mezz effikaċi biex tiġi infurzata l-konformità ma' dawn ir-regoli dwar l-integrità u l-indipendenza. Billi dawn ir-rekwiżiti huma inkorporati fil-liġi, jistgħu jiġu imposti sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, il-Kodiċi jistabilixxi r-regoli neċessarji dwar il-proċeduri u jistipula

[1] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.
[2] Ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali Franċiż fil-5 ta' Awwissu 2008.
[3] http://www.banque-de-france.net/fr/instit/telechar/histoire/contrat_sp.pdf
[4] Code de conduite de l'activité de cotation des entreprises à la Banque de France: http://www.banque-france.fr/fr/instit/telechar/services/code_conduite_cotation_bdf.pdf

l-istandards xierqa biex jiġu żgurati: (i) l-integrità u l-kwalità tal-proċess tal-ikklassifikar tal-kreditu (inkluż il-formalizzazzjoni taċ-ċirkwit deċiżjonali, it-traċċabbiltà tad-deċiżjonijiet u l-proċess tal-kontroll tal-kwalità), (ii) it-trasparenza u l-proċeduri rilevanti ta' komunikazzjoni (inkluż ir-regoli ta' aċċess għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu, il-pubblikazzjoni tal-metodi u l-evoluzzjoni tal-attivitajiet tal-klassifikazzjoni tal-kreditu) u (iii) il-miżuri biex jiġi pprevenut kwalunkwe kunflitt ta' interess (inkluż id-diliġenza dovuta biex tiġi osservata mill-analisti, il-funzjonament tal-kumitati nazzjonali u reġjonali tal-ikklassifikar).

(8) Ir-raba', il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu ma jridx ikollhom x'jaqsmu ma strumenti finanzjarji maħruġa mill-Istati Membri tal-banek ċentrali rispettivi. Il-punt 1.1 tal-Kodiċi jipprovdi li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-Banque de France jkunu dwar ditti mhux finanzjarji. Dawn ikunu dwar ditti stabbiliti fit-territorju metropolitan Franċiż u fid-"départements d'Outre-Mer" Franċiżi koperti mill-"Institut d'émission des départements d'outre-mer" (IEDOM). Il-Kuntratt jipprovdi li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-Banque de France jkunu dwar ditti. Għalhekk, il-Banque de France ma joħroġx klassifikazzjonijiet tal-kreditu dwar l-ħarġiet pubbliċi ta' strumenti finanzjarji maħruġa mill-Istat ta' Franza, u lanqas dawk maħruġa minn Stati Membri oħra.

(9) Fid-dawl tal-fatturi eżaminati fil-preamboli (2) sa (8), il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jistgħu jitqiesu li ġew issodisfati mill-Banque de France fir-rigward tal-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

(10) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ma għandux japplika għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu mill-Banque de France.

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil mal-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-Banque de France jaqgħa fl-ambitu tal-Artikolu 2(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ma għandux japplika għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-Banque de France.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Michel BARNIER

Membru tal-Kummissjoni